MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2006

Numru 425/2003

Il-Pulizija
(Sp Silvio Valletta)
vs
Aaron Ritchie, iben Edgar,
Imwieled l-Ingilterra fis-17
Ta' frar, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
a. talli fil-lejl ta' bejn l-14 ta' jannar, 2003 u il-15 ta' jannar, 2003 ġewwa Triq il-Karmnu, Sliema ikkometta serq ta' CD stereo tal-marka Clarion, minn ġo vettura Fiat Punto, bin-numru tar-reġistrazzjoni DBI 327, liema serq hu kkwalifikat bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa li sar għad-dannu ta' David Muscat;
b. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, liema ħsara hi iżjed minn ħamsin lira

maltin iżda anqas minn ħames mitt lira maltin u li sar għad-dannu ta' David Muscat;
c. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
d. talli rrenda ruħu reċidiv, b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), tat-28 ta' marzu, 2000 u tas-26 ta' novembru, 2001 liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;
e. talli kiser żewġ provvedimenti tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-28 ta' marzu, 2000 u fis-26 ta' novembru, 2001 f'liema sentenzi kien ġie misjub ħati u liberat taħt il-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin rispettivament.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' mejju, 2004 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-istereo jiswa Lm104.85 u id-danni li sofra David Muscat fil-karozza tiegħu huma ta' Lm160.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' mejju, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' mejju, 2006 fejn l-imputat reġa tenna l-ħtija tiegħu. Fl-istess seduta l-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ħallas dak kollu dovut lil David Muscat.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263, 264, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 325(1)(b), 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u

tikkundannah għal piena ta' disa' (9) xhur priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ, minħabba li l-imputat hu ta' eta' żgħira u għandu problema bid-droga tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Faċilita Korrettiva ta' Kordin biex jieħu l-passi kollha meħtieġa biex l-imputat jibda programm għar-riabilitazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------